

Brussell, 12 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7427/24

CLIMA 102
ENV 251
ENER 118
TRANS 135
AGRI 182
ECOFIN 283
COMPET 277
IND 134
MI 261

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6291/24 + ADD 1-6
Suġġett:	Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika Ewropea għall-2040 – Skambju ta' fehmiet

1. Biex tiggwida l-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tal-25 ta' Marzu 2024, il-Presidenza ħejjiet in-nota u l-mistoqsijiet meħmuża għall-Ministri.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota tan-nota u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet.

Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika Ewropea għall-2040**- Skambju ta' fehmiet -****Introduzzjoni**

Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar mira klimatika għall-2040¹, li tippreżenta viżjoni lil hinn mill-2030 fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-kostijiet reali tiegħu li qed iħaffu l-pass. Din tiddekrivi viżjoni għall-Ewropa bħala kontinent b'ekosistema industrijali b'saħħitha, b'enerġija nadifa, b'użu baxx tal-karbonju u affordabbli, u b'ikel u materjali sostenibbli, li ser jagħtu riżultati liċ-ċittadini tal-UE u jagħmlu lill-UE reżiljenti kontra kriżijiet fil-futur. Abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, il-Komunikazzjoni tirrakkomanda mira għal tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra sal-2040, meta mqabbla mal-1990, biex l-UE tinżamm b'mod sod fi triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050. Il-mira rakkomandata meqjusa li tikkorrispondi għall-parir xjentifiku u li tikkonforma mal-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-Komunikazzjoni maħsuba biex tniedi dibattitu komprensiv dwar il-qafas futur tal-politika dwar il-klima wara l-2030. Il-proposti leġiżlattivi li jinkorporaw il-mira għall-2040 fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-miżuri settorjali sussegwenti ser jitressqu mill-Kummissjoni li jmiss.

Fil-Kunsill, fit-12 ta' Frar 2024 inbeda eżami dettaljat tal-Komunikazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma. Minħabba n-natura transsettorjali tal-politika dwar il-klima, il-Presidenza qed tassoċja b'mod attiv lil rappreżentanti minn setturi oħra tal-Kunsill f'dawk id-diskussjonijiet.

¹ Dokument 6291/24 + ADD 1-6

Lejn tranżizzjoni ġusta u sostenibbiltà kompetittiva

Skont il-Komunikazzjoni, l-elettrifikazzjoni ser tkun fil-qalba tat-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija kompletament dekarbonizzata għall-bini, it-trasport u l-industrija sal-2040. It-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili ser iżżid l-indipendenza u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE, u ser tnaqqas ir-riskju ta' xokkijiet fil-prezzijiet. Filwaqt li l-enerġija rinnovabbli ser issir is-sinsla ta' dik it-tranżizzjoni, ser ikunu meħtieġa s-soluzzjonijiet kollha tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija ser teħtieġ ekonomija aktar ċirkolari, aktar użu tat-teknoloġiji tal-qbid tal-karbonju u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll ambjent regolatorju u ta' finanzjament li jappoġġa l-kompetittività tal-UE. Biex tindirizza l-ħtieġa għal rwol akbar għall-assorbimenti industrijali tal-karbonju f'setturi diffiċli sabiex jitrażżnu (bħala komplement għall-assorbimenti bbażati fuq l-art), fis-6 ta' Frar 2024 il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni industrijali tal-karbonju².

L-emissjonijiet mis-settur tat-trasport għandhom jiġu dekarbonizzati bi kważi 80 % sal-2040 meta mqabbla mal-2015, permezz ta' investiment qawwi fl-infrastruttura, f'soluzzjonijiet teknoloġiċi, fl-ipprezzar tal-karbonju, fl-użu ta' fjuwils b'livell baxx ta' karbonju u f'bidla modali. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura u mis-settur tal-art ser ikollhom jitnaqqsu filwaqt li tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel affordabbli u ta' kwalità fl-UE. Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni tul il-katina kollha tal-valur tal-ikel u għal ġestjoni tas-settur tal-art li tkun aktar effiċjenti fir-riżorsi u tajba għall-bijodiversità biex tiżdied ir-reżiljenza tiegħu għat-tibdil fil-klima.

² Dokument 6306/24

L-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas maqbul għall-2030 hija kundizzjoni abilitanti ewlenija biex tintlaħaq il-mira għall-2040. Dan irid jiġi kkomplementat b'qafas abilitanti wiesa' għaż-żewġ objettivi importanti ndaqs tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jiġifieri t-tranżizzjoni ġusta u s-sostenibbiltà kompetittiva. Għalhekk, ser jeħtieġ li jkun hemm enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura u fuq dialogu strateġiku, inkluż mal-industrija u s-settur agrikolu. L-ipprezzar tal-karbonju ser jibqa' motivatur ewleni għall-bidla, u s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) ser ikollha tiġi ssupplimentata b'mekkaniżmi oħra bħall-użu effiċjenti tat-tassazzjoni fuq l-enerġija u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili. L-użu rapidu meħtieġ ta' teknoloġiji mingħajr emissjonijiet u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mistenni jgħallquq suq domestiku kbir għall-manifatturi tat-teknoloġija nadifa u jinċentiva r-riċerka u l-innovazzjoni. Madankollu, minħabba li kundizzjonijiet ekwi reali jeħtieġu approċċ globali għall-ipprezzar tal-karbonju, l-UE għandha tkompli tinvolvi ruħha fid-diplomazija dwar il-klima biex thegħgeġ inizzjattivi ta' pprezzar tal-karbonju f'ġuriżdizzjonijiet oħra.

Il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni u tal-azzjoni dwar il-klima bħala politika ta' investment

Il-Komunikazzjoni tfakkar li l-avvenimenti estremi relatati mal-klima żdiedu bejn l-1980 u l-2022, u kkawżaw 220 000 mewta u EUR 650 biljun f'telf ekonomiku matul dak il-perjodu fl-UE, li minnhom madwar EUR 179 biljun f'dawn l-aħħar ħames snin. Konsegwentement, ġie deċiż li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjuna ta' Emerġenza tal-UE tiżdied b'EUR 1.5 biljun għall-perjodu 2024-2027. Il-Kummissjoni tistma l-ħtiġijiet addizzjonali ta' investment annwali fit-tranżizzjoni bħala 1.5 % tal-PDG meta mqabbla mal-perjodu 2011-2020, iżda tenfasizza li n-nuqqas ta' azzjoni jwassal għal kostijiet ferm akbar fid-deċennji li ġejjin, b'kost kumulattiv possibbli ta' EUR 2.4 triljun f'termini ta' PDG mitluf bejn l-2031 u l-2050, li hija stima konservattiva li ma tinkludix, pereżempju, ir-riskju ta' punti kritiċi. Barra minn hekk, iż-żieda fil-miżuri ta' prevenzjoni u ta' tħejjija tar-riskji ser ittejjeb ir-reżiljenza tal-ekonomija kollha u tnaqqas il-kostijiet tat-tranżizzjoni.

It-tisħiħ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-approfondiment tas-Suq Uniku ser ikunu meħtieġa biex jiġi żgurat il-livell ta' investimenti privati meħtieġa, bi rwol ewlieni għall-Bank Ewropew tal-Investment u atturi finanzjarji istituzzjonali oħra biex jimmobilizzaw l-investimenti privati, speċjalment billi jneħħu r-riskji mill-proġetti, biex ihegħgu l-investimenti fl-infrastruttura u jipprovdu effett ta' sinjalazzjoni lil parteċipanti oħra fis-suq. Il-finanzjament pubbliku mmirat ser jippermetti li jsir l-aktar użu effiċjenti mill-istrumenti eżistenti, bħall-Fond għall-Innovazzjoni, id-dħul iġġenerat mill-irkant tal-EU ETS, u l-baġit tal-UE.

Mistoqsijiet għall-Ministri:

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom abbażi ta' dawn il-mistoqsijiet:

- *L-UE kif għandha timplimenta t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-kostijiet reali tiegħu li qed iħaffu l-pass? X'taħsbu li huma kundizzjonijiet abilitanti importanti għall-iżvilupp ta' qafas għal wara l-2030?*
- *Liema setturi ekonomiċi għandhom l-akbar potenzjal biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni wara l-2030 u fejn tara l-akbar sfidi?*
